# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

## Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D.

## Illum 24 ta' Frar 2017

## Il-Pulizija
## (Spettur Jeffrey Scicluna)
## vs
## Allan Grima
## Mohamed Mokthar Mohamed Jamhur

## Kumpilazzjoni Numru: 91/2017

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija;

Allan Grima, u detentur tal-karta ta' l-Identita' bin-numru 115783(M); u

Mohamed Mokthar Mohamed Jamhur, detentur tal-karta ta' l-Identita' bin-numru 371205(L).

Akkuzati talli nhar it-12 ta' Frar, 2017 bejn is-sitta ta' filghodu u d-disgha ta' filghodu (06:00 – 09:00) gewwa t-telgha ta' Gilormu Cassar, il-Belt Valletta u/jew f'inhawi ohra ta' dawn il-gzejjer;

1. Ikkommettew serq ta' flus kontanti li jammontaw ghal tletin (30) Ewro minn gewwa l-vettura Toyota Hiace bin-numru ta' registrazzjoni EBS 624 ghad-dannu ta' Stephen Camilleri, liema serq huwa kwalifikat bil-mezz u x-xorta tal-haga misruqa u dan bi ksur tal-artikoli 261, 264 u 271 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, u cioe' il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni EBS 624 ghad-dannu ta' Stephen Camilleri liema hsara tammonta ghal 151.68 u dan bi ksur tal-artikolu 325(1)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Lil Mohamed Mokhtar Mohamed Jamhur wahdu:

3. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi b'xi mod li jkun, xjentement, ghen jew assista lil awtur tad-delitt u cioe' lil Allan Grima, fl-att li bihom d-delitt gie ppreparat jew ikkunsmat, u dan bi ksur tal-artikolu 42(d) tal-kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta.
4. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi f'dawn il-Gzejjer ikkommetta reat waqt il-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza hekk kif moghtija nhar l-4 ta' Novembru, 2016, mill-Magistrat Dr Charmaine Galea LL.D liema sentenza hija assoluta u ma' tista tinbdiel ai termini tal-artikolu 28B tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Lil Allan Grima wahdu;

5. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi irrenda ruhu recidiv ai termini ta' l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li gie misjub hati b'sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma' jistghux jigu mibdula.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali bi procedura sommarja u li l-imputati ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Rat li l-imputat Allan Grima ammetta l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u li l-imputat Mohamed Mokthar ammetta t-tielet u r-raba imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.

Rat li l-ufficjal prosekutur irtira l-ewwel zewg imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' l-imputat Mohamed Mokthar  u specifika li t-tielet imputazzjoni

tirreferi ghal komplicita ma' l-imputat Grima fis-serq indikat f'l-ewwel imputazzjoni.

Rat id-dokumenti esebieti.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat Grima ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tighu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi l-imputat Mohamed Mokthar ammetta t-tielet u r-raba imputazzjoni migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati. L-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet migjuba kontra dan l-imputat gew irtirati mill-prosekuzzjoni; l-Qorti ghalhekk ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghhom.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinstabu hatja l-imputati, l-fedina penali ta' kull wiehed minnhom, kif ukoll l-koperazzjoni taghhom mal-pulizija u l-ammissjoni f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri.

Ghal dawn il-motivi il-Qorti

Wara li rat l-artikoli 49, 50, 261(b)(g), 263, 271(g), 289 u 325(1)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta fuq ammissjoni ssib lill-imputat **Allan Grima** hati ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tikkundannah sittax (16) il-xahar prigunerija. U

Fil-waqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta'l-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Mohamed Mokthar Mohamed Jamhur,** wara li rat l-artikoli 28A, 28B,  42(d), 261(b)(g), 263 u 271(g), tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta fuq ammissjoni ssibu hati tat-tieni u t-tielet imputazzjoni migjuba kontra tieghu u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tpoggih taht ordni ta' probation ghal perjodu ta' sentejn bil-kundizzjonijiet elenkati f'l-ordni mghoti kontestwalment u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 28B(2)(b) tal-Kapitolu 9 qed testendi l-perjodu operativ tas-sentenza sospieza mghotija f'l-4 ta' Novembru 2016 b'sena b'mod li l-perjodu totali tal-perjodu operativ ghandu jkun ta' erbgha snin mill-4 ta' Novembru 2016.

Il-Qorti spjegat lill-imputat Mohamed Mokthar fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor u jekk ma joqghodx ghall-ordnijiet lilu mghotija.

Il-Qorti qed tordna n-notifika ta' din is-sentenza lid-Direttur ta'l-ufficju tal-Probation.

**DR DOREEN CLARKE**
**MAGISTRAT**